MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 136/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur D. Theuma)**

**Vs**

**Joseph Bone**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi w jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'dawn l-ahhar xhur minn Marzu 2002 sal-lum, naqas li jaghti lil martu Anna Bone is-somma ffissata mill-Qorti Civili Sekond'Awla bhala manteniment ghaliha fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih skond dak l-ordni kellu jhallas dik is-somma.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Gunju, 2004, li biha, sabet lill-imputat mhux hati skond l-akkuza w lliberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fis-6 ta’ Lulju, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija tal-istess appellat f’din l-akkuza, w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali,**

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa s-segwenti u cioe’ li l-Ewwel Qorti erronjament illiberat lill-appellat minnhabba li l-azzjoni kienet preskritta , meta fil-fatt u skond il-ligi, dan ma kienx il-kaz. Di fatti , meta fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qalet li ic-citazzjoni giet ipprezentata fid-9 ta’ Jannar, 2003, u li ghalhekk it-talba tal-kwerelanti ghall-manteniment ghall-periodu f’ dawn l-ahhar xhur minn Marzu, 2002 sad-9 t’ Ottubru, 2002 , kienet preskritta, kienet necessarjament qed tizbalja d-data tad-9 t’ Ottubru, 2002 , ghaliex din manifestament kellha taqra 9 ta’ Jannar, 2003 u cioe’ d-data ta’ meta harget ic-citazzjoni, stante li l-imputazzjoni kienet taqra “sal-lum” . Galadarba l-appellat imputat deher quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tal-24 ta’ Frar, 2003 u cioe’ fil-periodu ta’ inqas minn tlitt xur mid-9 ta’ Jannar, 2003, u trattandosi ta’ reat kontinwat , ma kienx hemm lok biex l-azzjoni tigi dikjarata preskritta. Fl-aghar ipotesi, kien ukoll ovvju li l-hlas in linea ta’ manteniment dovut ghall-periodu ossia xhur ta’ Novembru, u Dicembru, 2002 , ma kien xejn affattu preskritt;

Rat ir-risposta tal-appellat tal-11 t’ Awwissu, 2004, li biha hu eccepixxa li l-appell kien irritu w null ghaliex l-Ewwel Qorti dahlet ukoll *funditus* fil-mertu w kkonkludiet li ma setghetx issib htija fil-kuxjenza meta rat il-fatt illi l-imputat kien gie zvestit mill-*“life long savings*” tieghu mill-kwerelanti . Ghalhekk ikun inutili li din il-Qorti tidhol fil-kwistjoni tal-preskrizzjoni o meno ghax fuq il-fatti m’

hemmx appell u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tirrivaluta l-provi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ezaminat il-provi traskritti li instemghu quddiem l-Ewwel Qorti w rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi ovvjament l-ewwel ma trid tikkonsidra l-din il-Qorti hija l-pregudizzjali sollevata mill-appellat tal-irritwalita' tal-appell tal-Avukat Generali.

Issa fil-waqt li ma hemmx dubju li l-Avukat Generali ghandu dritt ta' appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq decizjoni tal-estinzjoni tal-azzjoni minhabba preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 413 (1) (b) (iv) (ii), ma ghandux appell minn decizjoni fuq il-fatti tal-kaz a tenur tal-istess artikolu ghaliex tali appell f' dan il-kaz ma jistax jaqa' taht is-subinciz (c) li ta d-dritt tal-appell lill-Avukat Generali fuq kollox meta l-kaz ma jkunx jaqa' taht kazijiet ta' procedura sommarja skond l-artikolu 370 (1) tal-Kap.9. Dan hu kjarament kaz li jaqa' taht il-procedura sommarja .

Illi l-kaz jipprezenta certa diffikulta' ghaliex l-Ewwel Qorti , ladarba kellha tiddeciedi fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata quddiemha fis-seduta tad-9 ta' Mejju, 2003 (Fol. 9 tal-process) , kien imissha waqfet hemm u ma kellhiex ghalfejn tidhol fuq il-mertu . Ghalhekk anki jekk din il-Qorti kellha takkolji l-appell tal-avukat generali dwar id-decizjoni fuq il-preskrizzjoni – li prima facie tista' tidher ben fondata, stante li hawn si tratta ta' imputazzjoni ta' **reat kontinwat**, fejn il-preskrizzjoni tibda' tiddekorri mill-jum meta sar l-ahhar ksur tal-ligi – ser tkun prekluza milli tirrevoka s-sentenza appellata fil-mertu , stante li l-Avukat Generali ma intavolax appell ukoll ghab-bazi tal-artikolu 413 (1) (b) (iv) (i), kif forsi seta' ghamel ukoll in vista' tal-

enuncjazzjoni ta’ dritt maghmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata .

Pero’ fil-fehma ta’ din il-Qorti din id-diffikulta’ ma tipprekludix lil din il-Qorti li tesprimi ruha fuq l-appell tal-Avukat Generali, anki jekk dan jista’ jkollu biss effett akkademiku w ma jittraducix ruhu f’ termini prattici.

Ikkonsidrat ;

Li kif ben tajjeb irrileva l-appellant , il-Prosekuzzjoni f’ dan il-kaz kienet ipprocediet kontra l-appellat ghall-diversi ksur tal-ligi maghmul b’diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u maghmula b’ rizoluzzjoni wahda w cioe’ b’ dak li huwa maghruf bhala reat kontinwat u mhux , kif anki setghet taghmel, ipprocediet ghal kull ksur individwalment. Issa skond l-artikolu 691 (1) tal-Kodici Kriminali, iz-zmien tal-preskrizzjoni ghar-reati kontinwati jibda’ jiddekorri mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi . Fil-kaz in ezami trattandosi ta’ ksur tal-ligi kontemplat fl-artikolu 338 (z) tal-Kodici Kriminali, ir-reat jigi kunsmat u jsehh fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih , skond l-ordni tal-Qorti, kellu jithallas xi ammont ta’ manteniment. Illi skond id-digriet tal-Qorti Civili Prim’ Awla tad-9 t’ Ottubru, 1998, (Dok AB) (fols. 14 sa 16 tal-process) l-appellat kellu jibda’ jhallas LM50 fix-xahar bhala alimenti “*pendente lite*” minn dak in-nhar. Ghalhekk din il-kontravvenzjoni kienet tigi kommessa fis-26 ta’ kull xahar u cioe’ wara li jghaddu hmistax il-jum mid-data meta l-hlas ikun dovut u jibqa’ ma jsirx. Ergo, ladarba ic-citazzjoni kienet tispecifika li dan in-nuqqas kontinwat tal-appellat kien ikopri l-periodu bejn Marzu, 2002 “sal-lum” w c-citazzjoni giet prezentata fid-9 ta’ Jannar, 2002, l-ahhar ksur tal-ligi kopert biha kien dak li avverra ruhu fis-26 ta’ Dicembru, 2002. Ovvjament li minn din id-data sa meta l-appellat kien deher l-ewwel dareba quddiem l-Ewwel Qorti fl-24 ta’ Frar, 2003, u necessarjament u **multo magis** , meta gie qabel notifikat bic-citazzjoni , ma kienux lahqu ghaddew tlitt xhur . Ghalhekk l-azzjoni ma kienetx preskritta . Konsegwentement sa hawn l-appell tal-Avukat Generali hu fondat u qed jigi akkolt.

Pero’, kif gja intqal, ladarba l-Ewwel Qorti ddecidiet il-kawza ukoll fil-mertu w ma sabitx htija , din il-Qorti ma tistax takkolji appell mill-Avukat Generali fuq il-mertu ghax tali appell ikun irritu w null . Ghalhekk ma tistax , fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, tilqa’ t-talba tal-appellant biex tirrevoka s-sentenza appellata tisma’ l-provi , tidikjara htija w tinfliggi xi piena .

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, billi tirrevokaha biss in kwantu ddikjarat l-azzjoni estinta bil-preskrizzjoni w tikkonfermaha ghall-kumplament fejn ma sabitx htija fuq il-mertu w lliberat lill-appellat , u dana biss minhabba li l-Avukat Generali m’ghandux dritt t’appell minn decizjoni simili kif fuq intqal.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------